MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2009

Numru. 623/2009

Il-Pulizija
(SpPaul Bond)
vs
Spiridione Borg, iben Paul, imwieled Attard fl-14 ta' Ottubru, 1968

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-27 ta' Ġunju, 2009 għal ħabta ta' nofs in-nhar, waqt li kien ġewwa l-għassa tal-pulizija tal-Qawra, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Ispettur Paul Bond, kif ukoll kontra WPC169 Doris Camilleri, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

2. talli fl-istess data, ħin u lok ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija eżekuttiva meta ġie ordnat sabiex ma jitlaqx ‘l barra mill-għassa tal-puliziaj tal-Qawra u dana sabiex PS70 Omar Caruana jkun jista’ jinvestiga l-każ li kellu l-imsemmi mputat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Lulju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 96 u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------